MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008

Numru 901/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**Vs**

**Sandro Schembri Adami**

**Illum 23 ta' Gunju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Sandro Schembri Adami ta' 42 sena, bin Franz u Yvonne nee' Brincat, imwieled Attard fil-25 ta' Awissu 1963, residenti f'l-indirizz: 15 Flat 17 Triq id-Dejqa, Valletta. Detentur tal-karta ta' l-identita numru 488863M.

Billi huwa akkuzat:

1. Talli fit-22 ta’ Awissu 2005, u f’dati precidenti, fil-belt Valletta u f’postijiet ohra f’dawn il-Gzejjer, fil-kapacita tieghu ta’ nutar b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda fil-konfront tal-persuni imsemmija hawn taht ghamel uzu hazin, jew seraq flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba il-kariga jew impjieg tieghu.
2. Taht l-istess cirkustanzi, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn Lm7,000 bi hsara ta’ Mary Anne Micallef, Sandra Micallef u Claudette Agius.
3. Taht l-istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ aktar minn Lm7,000 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta’ Mary Anne Micallef, Sandra Micallef u Claudette Agius.
4. Taht l-istess cirkustanzi, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm1720 bi hsara ta’ Anthony Vella u / jew il-Gvern ta’ Malta.
5. Taht l-istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ Lm1720 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necesssarju, ghad-detriment ta’ Anthony Vella u / jew il-Gvern ta’ Malta.

6. Taht l-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm1550 bi hsara ta' John Farrugia, Carmen Farruiga u / jew il-Gvern ta' Malta.

7. Taht l-istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' Lm1550 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta' John Farrugia, Carmen Farrugia u / jew il-Gvern ta' Malta.

8. Taht l-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm200 bi hsara ta' Jason Carl Delmar, Alexis Busuttil u / jew il-Gvern ta' Malta.

9. Taht l-istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' Lm200 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta' Jason Carl Delmar, Alexis Busuttil u / jew il-Gvern ta' Malta.

10. Taht l-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm1100 bi hsara ta' Adrian Buttigieg, Alexia Cacciatolo, u / jew il-Gvern ta' Malta.

11. Taht l-istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma

ta’ Lm1100 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta’ Adrian Buttigieg, Alexia Cacciatolo, u / jew il-Gvern ta’ Malta.

12. Taht l-istess cirkustanzi, fil-kapacita tieghek ta ufficcjal jew impjegat pubbliku, iffalsifika cedula, polza ordni jew document iehor, u cioe cheque numru BOV355256 illi meta jigi prezentat wiehed jista jircievi bih hlas, jew jiehu kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor.

13. Taht l-istess cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura kummercjali, jew ta’ bank privat, u cioe cheque numur BOV355256, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsin falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsin minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

14. Taht l-istess cirkustanzi, xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz.

15. Taht l-istess cirkustanzi, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm1300 bi hsara ta’ Roderick Attard Ghiller, Diane Camilleri u / jew il-Gvern ta’ Malta.

16. Taht l-istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ Lm1300 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta’ Roderick Attard Ghiller, Diane Camilleri u / jew il-Gvern ta’ Malta.

17. Taht l-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm790 bi hsara ta' Emanuel Abela, Raymond Abela u / jew il-Gvern ta' Malta.
18. Taht l-istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' Lm790 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta' Emanuel Bela, Raymond Abela u / jew il-Gvern ta' Malta.
19. Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-Sandro Schembri Adami ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 27 ta' Lulju, 2006 liema Nota tinsab a fol 115 tal-Process u nnutat li l-imputat Sandro Schembri Adami m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa', b'referenza ghall-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali mibghuta mill-Avukat Generali flimkien mal-Artikoli l-ohra bin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 27 ta' Lulju, 2006, iddikjara li stante li f'din il-kawza ma hemmx oggetti esebiti li huma soggetti ghal-konfiska a tenur tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali u stante li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet maghmula rispettivament taht l-Artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 27 ta' Lulju, 2006.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 18, 308, 309, 293, 294, 310, 188, 189, 179, 184, 182, 183, 141, 180, 31, 30 u 20 tal-Kodici Kriminali.

Issib lill-imputat Sandro Schembri Adami fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Sandro Schembri Adami ghal-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija, u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda sehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Sandro Schembri Adami jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' fil-Verbal tas-Seduta tallum u kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza b'referenza ghall-Artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali mibghuta mill-Avukat Generali flimkien mal-Artikoli l-ohra bin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 27 ta' Lulju, 2006, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet maghmula rispettivament taht l-Artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 27 ta' Lulju, 2006.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Sandro Schembri Adami l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------